MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Numru. 699/2012

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Avadi Madour, iben Jack, imwieled l-Alġerija, numru tal-pulizija 09AC-003

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-8 ta’ Lulju, 2012 għal ħabta tas-2.05 p.m. ġewwa ċ-Ċentru ta’ Detenzjoni, Safi:
1. bil-ħsieb li jagħmel ferita ta’ natura gravi fuq Ayari Ridha Ben Mohammed wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Ayari Ridha Ben

Mohammed, kif iċċertifika Dr. E. Scerri M.D. mill-klinika tal-Floriana;
3. fl-istess data, lok u ħin ħebb għal Ayari Ridha Ben Mohammed u dan sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara.
Il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat hu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminaligħas-sigurta ta' Ayari Ridha Ben Mohammed.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-feriti li ġarrbet il-persuna hawn fuq imsemmija huma ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberha minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 221(1) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' xahrejn priġunerija. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------